MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 258/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**George Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi illi kien gie pprezentat fl-20 ta’ Marzu, 2006 fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attirici s-somma ta’ disgha mija sebgha u tmenin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm987.63) rapprezentanti ammont in konnessjoni ma’ servizz telefoniku bin-numru 21412639 account number 40000821 kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti ma’ l-istess avviz u mmarkati bhala Dok A u, Dok B.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqga’ ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Keith Grech jiddikjara sollenament li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ra li l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx ghas-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta’ disgha mija sebgha u tmenin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm987.63) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------